

# Terminoloġija

Suppliment ma'l-aċċent (ħarġa 16)

Produzzjoni  
sostenibbli permezz  
tal-aqwa tekniki  
disponibbli



## PRODUZZJONI SOSTENIBBLI PERMEZZ TAL-AQWA TEKNIKI DISPONIBBLI

Din id-darba, il-glossarju li qed nippresentawlkom huwa ġabra ta' termini pjuttost speċjalizzati li nsibuhom fl-hekk imsejħa **Dokumenti ta' Referenza tal-Aqwa Tekniċi Disponibbli** (Best Available Techniques Reference Documents) jew fil-qosor **il-BREFs**.

### Sfond

Il-proċessi tal-produzzjoni industrijali huma responsabbi għal parti konsiderevoli tat-tniġgix fl-Ewropa. B'hekk, l-Unjoni Ewropea (UE) stabbiliet għadd ta' regoli komuni għall-permessi u għall-kontroll b'rabta mal-installazzjonijiet industrijali. Dawn ir-regoli ġew deskritti fid-**Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali** 2010/75/EU (Industrial Emissions Directive, IED).<sup>1</sup>

Il-Kapitlu II tal-**IED** (u Direttivi oħra relatati li ġew ippubblikati qabilha) jeżiġi l-kontroll integrat tal-konsum tal-energijs, tal-ilma u tal-materja prima, kif ukoll il-prevenzjoni tat-tniġgix tal-ilma, tal-arja u tal-ħamrija minn madwar 50,000 installazzjoni industrijali fl-Ewropa. Dan il-kontroll jiġi implimentat f'kull stat membru tal-UE permezz ta' sistema li tinkludi kundizzjonijiet li jirrikjedu l-użu tal-**Aqwa Tekniċi Disponibbli** (Best Available Techniques, BAT).

**L-Uffiċċju Ewropew tal-Prevenzjoni u tal-Kontroll Integrati tat-Tniġgix** (European Integrated Pollution Prevention and Control Bureau, EIPPCB) jipprovdri riżorsa maġġuri għall-istati membri tal-UE u għall-applikanti għal permessi billi jieħu ħsieb jiżv iluppa d-Dokumenti ta' Referenza tal-Aqwa Tekniċi Disponibbli, jiġifieri l-BREFs. Dawn jiġu ggħġenerati wara l-iskambju ta' informazzjoni teknika bejn l-eserti mill-industrija, il-pajjiżi tal-UE, l-istituti tar-riċerka, l-NGOs ambjentali u l-Kummissjoni Ewropea. L-EIPPCB għandu rwol importanti fil-medjazzjoni ta' dan il-proċess u għal dan il-għan jistabbilixxi grupp ta' ħidma tekniku għal kull BREF.

### Il-BREFs fid-dettall

Il-BREFs huma d-dokumenti ta' referenza ewlenin li jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi tal-UE meta joħorġu l-permessi biex dawk l-installazzjonijiet industrijali li jirrappreżentaw potenzjal sinifikanti ta' tniġgix ikunu jistgħu joperaw. Il-BREFs jipprovdu informazzjoni lil dawk responsabbi mit-teħid tad-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward dwar dak li hemm disponibbli teknikament jew ekonomikament għall-industrija sabiex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom u konsegwentement jittejjeb l-ambjent kollu.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġgix) (tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), [CELEX:02010L0075-20110106/MT](http://CELEX:02010L0075-20110106/MT)

Sakemm BREF jiġi ffinalizzat, il-proċess jaf jieħu minn sentejn sa tliet snin u jkun jinvolvi sa mitt espert, bl-appoġġ ewlieni tal-EIPPCB li jieħu ħsieb l-aspett tal-medjazzjoni tul il-proċess kollu. Sal-lum jeżistu 33 BREF għas-setturi tal-industrija.

Il-BREF huwa l-meżż li bih l-aqwa tekniki disponibbli u t-tekniki emerġenti jiġu ddeterminati b'mod trasparenti abbażi ta' informazzjoni teknoekonomika soda. Jipprovdi l-prevedibbiltà lill-proċess li bih jiġu ddeterminati l-konklużjonijiet dwar il-BAT u jiprovdi kunfidenza fil-kwailta tar-riżultat aħħari.

L-elementi ewlenin tal-BREFs, il-konklużjonijiet tal-BAT, jiġu adottati permezz ta' proċedura ta' kumitat u huma r-referenza biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-permessi għall-installazzjonijiet koperti bl-IED. L-iskop tal-BREF mhuwiex li jservi ta' ktieb dettaljat dwar it-tekniki tal-prevenzjoni u tal-kontroll tat-tniġġis għax digħi teżisti letteratura estensiva dwar dan is-suġġett. Għalhekk, il-kontenut tagħhom hu limitat għall-informazzjoni rilevanti għall-għan speċifiku li jiġu ddeterminati l-BAT u t-tekniki emerġenti skont l-IED.

Il-produzzjoni tal-BREFs fil-livell tal-UE titqies bħala eżerċizzju effiċjenti għaliex fin-nuqqas tagħhom, kull stat membru tal-UE jkollu jwettaq eżerċizzju simili. Fil-kuntest internazzjonali, il-BREFs u l-konklużjonijiet tal-BAT jitqiesu bħala kontribut tal-UE għall-proċess globali li nbeda fis-Summit Dinji tal-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, sabiex il-pajjiżi li mhumiex membri tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw ukoll minn din il-ħidma ambizzju. <sup>2</sup>

## IL-GLOSSARJU FIS-SUPPLIMENT

Lista ta' termini Ingliż (EN) – Malti (MT) li tinkludi wkoll:

- il-kodiċi tal-kunċett li jservi ta' identifikatur fir-repożitorju terminoloġiku IATE (*InterActive Terminology for Europe*), u li nirreferu għaliex bħala l-“**IATE ID**”;
- id-**definizzjoni** tat-terminu bil-Malti;
- u fejn disponibbli,
- (i) **nota dwar il-kunċett** u/jew
- (ii) **nota dwar it-terminu** Malti kkonċernat.

It-Terminologi tal-Kummissjoni Ewropea

Jennifer De Barro u Jeantide Naudi

Ikkuntattjana fuq: DGT-TERMAL@ec.europa.eu

<sup>2</sup> <https://ec.europa.eu/jrc/en/research-topic/sustainable-production-best-available-techniques>

822241	<b>2-methoxy-2-methylpropane, methyl tertiary-butyl ether, methyl tert-butyl ether, MTBE</b>  Kompost organiku bil-formula kimika $(\text{CH}_3)_3\text{COCH}_3$ .	<b>2-metossi-2-metilpropan, metil-terzjarju-butil-etere, metil-terz-butil-etere, MTBE</b>
1639905	<b>acid gas, sour gas</b>	<b>gass aċiduż</b>
3563701	<b>acid mode, acid operation</b>	<b>operazzjoni aċida, modalità aċida</b>
2249011	<b>adsorbable organically bound halogens</b>  Kloru, bromu jew jodju marbuta f'sustanzi organiċi li jistgħu jiġu adsorbiti fuq il-karbonju attivat.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> L-ammont jiġi espress bħala klorur u jitkejjel skont il-proċedura ddefinita fl-ISO9562. Ir-riżultat jirrapreżenta t-tagħbija ta' aloġeni organiċi fl-ilma, fil-ħama tad-dranaġġ u fil-ħamrija.	<b>aloġeni adsorbibbli marbuta organikament</b>
1493573	<b>aerobic digestion, aerobic biodegradation, aerobic degradation</b>  It-tkissir ta' komposti minn mikroorganiżmi fil-preżenza tal-ossiġenu.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Matul il-proċess tat-trasformazzjoni ta' komponenti fi prodotti iktar sempliċi, il-mikroorganiżmi jibdlu l-ossiġenu f'ilma.	<b>diġestjoni aerobika, bijodegradazzjoni aerobika, degradazzjoni aerobika</b>

3557486	<b>air dry tonne, ADt</b>	<b>tunnellata mnixxfa bl-arja, ADt</b>
Tunnellata ta' polpa jew ta' karta mnixxfa b'arja niexfa (mhux saturata).		
1408270	<b>air staging, two-stage combustion, air-staged combustion</b>	<b>introduzzjoni tal-arja fi stadji</b>
<p>Teknika ta' tnaqqis tal-ossidi tan-nitroġenu (<math>\text{NO}_x</math>) fl-emissjonijiet tal-impjanti termiċi permezz tal-kontroll tal-kombustjoni bbażata fuq il-ħolqien ta' żewġ żoni ta' kombustjoni:</p> <p>i. żona ta' kombustjoni primarja fejn titwettaq ir-reazzjoni fil-preżenza ta' livell baxx ta' ossigeno (kundizzjonijiet rikki). B'dan il-mod jitnaqqsu b'mod sinifikanti I-FuelsNO<sub>x</sub>. It-temperatura baxxa li tintlaħaq tnaqqas ukoll il-formazzjoni tal-NO<sub>x</sub> termiċi.</p> <p>ii. żona ta' kombustjoni sekondarja fejn tiġi introdotta I-arja meħtieġa biex iseħħ il-proċess kollu.</p>		
1625715	<b>alkaline leaching</b>	<b>lissija alkalina, lixxivjazzjoni alkalina</b>
Proċess ta' taħlil ta' minerali solubbli minn mineral solidu jew minn konċentrat permezz ta' solvent alkalin.		
1075508	<b>alkylation</b>	<b>alkilazzjoni</b>
Proċess tal-manifattura tal-petrol li fih l-isobutan jiġi kkombinat ma' alkeni ta' piż molekulari baxx (primarjament taħlita ta' propen u buten) fil-preżenza ta' katalizzatur aċiduż b'saħħtu, jew aċidu sulfuriku jew aċidu idrofluoriku, għall-produzzjoni ta' taħlita ta' idrokarburi paraffiniċi bi ktajjen ramifikati b'numru ġħoli ta' ottan.		
1556494	<b>alloying</b>	<b>illigar</b>
Proċess li matulu żewġ elementi tal-metall jew aktar jiġu mdewba flimkien f'taħlita preċiża biex jifformaw materjal speċifiku, jew <b>liga</b> [ IATE:1552017 ].		

3567353	<b>aluminium salt slag</b>	<b>gagazza tal-melħ tal-aluminju</b>
Gagazza tal-melħ li tirriżulta mill-proċess tar-raffinar tal-aluminju, meta l-fdalijiet jiddewbu fi fran rotatorji jew reverbatorji.		
3563703	<b>ammonium-based mill</b>	<b>impjant abbażi tal-ammonju</b>
Impjant tal-polpa li juża l-bisulfit tal-ammonja b'diossidu tal-kubrit imdewweb bħala r-reaġent kimiku għad-delenjifikazzjoni tal-injam sabiex tiġi prodotta polpa taċ-ċellulożi.		
1493574	<b>anaerobic degradation, anaerobic biodegradation, anaerobic digestion</b>	<b>degradazzjoni anaerobika, bijodegradazzjoni anaerobika, diġestjoni anaerobika</b>
It-tkissir ta' komposti minn mikroorganiżmi fin-nuqqas tal-ossiġenu.		
3567285	<b>anode</b>	<b>anodu</b>
Pjanċa rettangolari magħmula minn metall parżjalment raffinat bħal pereżempju r-ram iswed (blister copper).		
<b>Nota dwar il-kunċett:</b> Fil-metallurġija elettrolitika, l-anodu jiġi dissolt f'soluzzjoni aċidika u l-atomi tal-metall mixtieq jerġgħu jiġu ddepożitati fuq il- <b>katodu</b> [ IATE:1343654 ].		
3528586	<b>anode baking furnace, anode baking oven</b>	<b>forn tal-ħami tal-anodi, forn anodizzanti</b>
Forn użat fil-produzzjoni ta' <b>anodi tal-karbonju moħmija minn qabel</b> [ IATE:1077360 ] li jintużaw għat-tidwib [ IATE:3540844 ] tal-aluminju.		
<b>Nota dwar il-kunċett:</b> Dan il-kunċett m'għandux jiġi mfixkel ma' <b>forn anodiku</b> [ IATE:3567282 ].		

3567337	<b>anode baking plant, baking plant</b>	<b>impjant tal-ħami tal-anodi, impjant tal-ħami</b>
<p>Parti mill-impjant ta' produzzjoni tal-anodi tal-karbonju fejn il-blokok tal-anodi miksuba <b>fl-impjant tal-pasta</b> [ IATE:3567335 ] jiġu kkalċinati sabiex is-sustanzi volatili li jkun hemm fiż-żift [ IATE:1205848 ] jevaporaw u l-karbonju li jifdal jifforma skeletru riġidu fi ħdan il-blokka.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Il-partijiet l-oħra tal-impjant huma <b>l-impjant tal-pasta u l-impjant tal-produzzjoni tal-vireg</b> [ IATE:3567339 ].</p> <p>Dan il-kunċett m'għandux jiġi mfixkel mat-terminu idjaq "forn tal-ħami tal-anodi" [ IATE:3528586 ]. Il-forn tal-ħami hu l-forn fejn jinħmew l-anodi. L-impjant tal-ħami hu l-post fejn dan iseħħi li jinkludi pereż żoni tal-ħżejjn ta' materja prima u ta' prodotti, tagħmir tat-tifrik u tat-tħallit u fran tal-ħami.</p>		

1370115	<b>anode effect</b>	<b>effett ta' anodu</b>
<p>Kundizzjoni instabbi ta' ċellola tal-elettroliżi [ IATE:1369748 ] tal-aluminju minħabba ammont wisq żgħir ta' <b>alumina</b> [ IATE:1552043 ] maħlu fl-elettrolit [ IATE:1697751 ] (inqas minn 2%), li tkun ikkaratterizzata minn:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- vultaġġ għoli,</li> <li>- interruzzjoni tal-produzzjoni tal-aluminju,</li> <li>- produzzjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra <math>\text{CF}_4</math> u <math>\text{C}_2\text{F}_6</math></li> </ul> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> L-effett ta' anodu jibda meta l-vultaġġ jogħla malajr u jaqbeż il-limitu ta' vultaġġ (A), normalment 6-10 volts.</p>		

3567282	<b>anode furnace</b>	<b>forn anodiku</b>
<p>Ċilindru tal-azzar orizzontali miksi bil-brikks miżimum fuq rombli li fih il-prodott mill-konvertituri, ir-ram iswed, jiġi raffinat qabel ma jiġi kkastjat fl-anodi għar-raffinar finali permezz tal-elettroliżi bir-ram.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Dan il-kunċett m'għandux jiġi mfixkel ma': <b>forn tal-ħami tal-anodi</b> [ IATE:3528586 ].</p>		

3567338	<b>anode paste, green paste</b>	<b>pasta anodika, pasta ħadra</b>
<p>Aggregat imħallat ta' karbonju u żift li jiġi ffurmat f'anodi.</p> <p>Ara wkoll: <b>impjant tal-pasta</b> (kunċett relatat) [ IATE:3567335 ].</p>		

<b>3567698</b>	<b>anode scrap washing machine</b>	<b>magna tal-ħasil tar-residwu anodiku</b>
	Magna li taħsel ir-residwu anodiku [IATE:1370074] sabiex titneħħha s-soluzzjoni tal-aċċidu sulfuriku qabel ma dan jiġi rriproċessat.	
<b>1370074</b>	<b>anode scrap, spent anode</b>	<b>residwu anodiku</b>
	Il-porzjon tal-anodu li jibqa' wara li jkun għadda l-perjodu skedat għar-raffinar tal-elettroliti tal-biċċa l-kbira tal-kontenut metalliku tiegħi.	
<b>1409483</b>	<b>anode sludge, sludge, anode slime, slime</b>	<b>ħama anodiku, ħama, tajn anodiku, tajn</b>
	<p>Sustanza li tinżel fil-qiegħ taċ-ċellola elettrolitika waqt l-ipproċessar tal-metall fil-mira, li tikkonsisti minn metalli oħra li ġew ridotti iżda mhux iddepożitati fuq il-katodu.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> It-tajn anodiku jkun fih metalli ta' valur bħall-fidda u d-deheb.</p>	
<b>3564592</b>	<b>API oil water separator, API separator</b>	<b>separatur API</b>
	<p>Apparat iddisinjat biex jissepara ammonti kbar ta' żejt u solidi sospiżi mill-effluwenti tal-ilma mormi mir-raffineriji taż-żejt, mill-impjanti petrokimiċi, mill-impjanti kimiċi, mill-impjanti tal-ipproċessar tal-gass naturali u sorsi oħra industrijalni.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> L-isem ġej mill-fatt li dawn is-separaturi huma ddisinjati skont l-istandards ippubblikati mill-American Petroleum Institute (API).</p>	
<b>1367245</b>	<b>electric arc furnace, arc furnace</b>	<b>forn bl-ark elettriku, forn bl-ark</b>
	Forn qawwi li juża ark tal-elettriку bħala sors ta' sħana speċjalment għall-produzzjoni tal-azzar.	

1458566	<b>arsane, arsine, arsenic trihydride</b>	<b>arsan, arsina, triidrur tal-arseniku</b>
Sustanza bil-formula kimika AsH <sub>3</sub> .		
1084461	<b>atomisation</b>	<b>atomizzazzjoni</b>
Ir-riduzzjoni ta' likwidu għal partikuli fini ta' sprej biex b'hekk tiżdied l-erja tas-superfiċje tiegħu.		
3567178	<b>autogenous smelting, autogenic smelting</b>	<b>tidwib awtoġenu</b>
Proċess tat-tidwib [IATE:3540844] li matulu l-enerġija meħtieġa biex issostni t-temperatura li biha jkun jista' jseħħi dan il-proċess tiġi pprovuta mir-reazzjoni eżoterma (mingħajr iż-żieda ta' fjuwil jew ta' sħana elettrika) tal-ossidazzjoni tas-sulfuri.		
1639557	<b>back-venting</b>	<b>retroventilazzjoni</b>
Ir-riċiklaġġ ta' gassijiet spostati, lura għal ġol-vettura tad-distribuzzjoni jew għal ġot-tank tal-ħażin permezz ta' pajpjiet imqabbdin mat-tank.		
1338477	<b>bag filter</b>	<b>filtru b'borża</b>
Saffatur b'borża magħmula minn drapp poruż, minsuġ jew magħmul feltru, li minnu jgħaddu l-gassijiet biex jitneħħew il-partikuli.		

	<b>baking</b>	<b>ħami</b>
<b>3567493</b>	<p>Proċess tal-produzzjoni tal-grafit li jbiddel iż-żift legant f'kokk, li jneħħi ħafna mis-sustanzi volatili f'temperatura ta' 1200°C u li jħalli prodott karboniku solidu, mhux deformabbli (karbonju amorfuz).</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Wara l-ħami jkun hemm it-tixpix fiż-żift, u sussegwentement jerġa' jkun hemm proċess ta' ħami biex tittejjeb id-densità u karakteristiki oħra.</p>	
<b>3567693</b>	<b>bar broken feed</b>	<b>alimentazzjoni bit-tkissir tal-krosta b'virga</b>
	<p>L-alumina użata biex talimenta c-ċelloli elettrolitiċi wara li l-krosta iebsa li tifforma fuq is-supefiċje tal-elettrolit (li tikkonsisti minn kriżolit imdewweb u alumina dissolt) titkisser perjodikament b'virga u l-alumina titħawwad fl-elettrolit biex il-konċentrazzjoni tal-alumina tibqa' stabbli.</p>	
<b>1164601</b>	<b>base stock, base oil, lubricant base stock</b>	<b>żejt bażi</b>
	<p>Żejt ta' oriġini minerali estratt miż-żejt grezz permezz ta' proċess ta' distillazzjoni.</p>	
<b>3567364</b>	<b>battery crushing</b>	<b>tifrik tal-batterija</b>
	<p>It-tifrik tal-batterija sħiħa fi kraxer, xreder jew mitħna bl-imrietel u s-separazzjoni tal-komponenti permezz ta' separazzjoni bil-gravità.</p>	
<b>1203779</b>	<b>bauxite</b>	<b>boksajt</b>
	<p>GeVla sedimentarja komposta primarjament minn mineral wieħed jew iż-żed tal-idrossidu tal-aluminju, kif ukoll minn taħlitiet varji tas-silika, tal-ossidu tal-ħadid, tad-diċċidu tat-titanju, tal-aluminosilikat, u ta' impuritajiet oħra jen f'ammonti minuri jew żgħar ħafna.</p>	

3567651	<b>bed coke filter, coke filter</b>	<b>filtru b'sodda tal-kokk</b>
Sistema ta' filtri li tuża ċilindru mimli (sodda ta') kokk biex jitnaddaf il-gass mit-tromba taċ-ċumnija.		
1626171	<b>billet</b>	<b>billett</b>
Prodott nofsu lest illaminat jew mikwi fil-forġa, li normalment ikun kwadru b'kantunieri ċċanfrinati jew ittundjati u li jkollu erja trasversali ta' mhux iktar minn 25 pulzier kwadru.		
3566760	<b>bioeliminability</b>	<b>bijoeliminabbiltà</b>
Kejl tal-ħila ta' sustanza organika li titneħħha mill-effluwent b'konsegwenza tal-mekkaniżmi kollha ta' eliminazzjoni li jistgħu jseħħu f'impjant bijoloġiku (inkluża l-bijodegradazzjoni).		
1497991	<b>biological filter, biofilter</b>	<b>filtru bijoloġiku, bijofiltru</b>
Apparat għall-kontroll tat-tniġġis li juża mikroorganiżmi li jokkorru b'mod naturali biex jassorbi mbagħad jiddegrada l-komposti organiċi permezz tal-ossidazzjoni bijoloġika.		
1402400	<b>biological treatment, biological wastewater treatment, biological water treatment, biological effluent treatment, biotreatment</b>	<b>bijotrattament</b>
Proċess li jinvolvi l-użu ta' mikroorganiżmi biex komposti tossiċi u persistenti fl-effluwenti industrijali jitneħħew jew jiġu newtralizzati.		

1704323	<b>bioluminescent bacterium, luminescent bacterium</b>	<b>batterju luminexxenti</b>
	<p>Batterju li jemetti d-dija, id-dawl viżibbli.</p> <p><b>Ara wkoll:</b> <b>bijoluminexzenza</b> [ IATE:1498024 ].</p>	

3565616	<b>bioscrubber</b>	<b>bijopurifikatur</b>
	<p><b>Bijofiltru</b> [IATE:1497991] kkombinat ma' <b>purifikatur niedi</b> [IATE:1422077] li jikkundizzjona l-gass ta' skart minn qabel billi jneħħi t-trab u jbaxxi t-temperatura tad-daħħla.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> L-ilma jiġi rriċiklat kontinwament, billi jidħol mill-wiċċ ċolonna tas-sodda mpakkettata, mnejn inixxi bil-mod.</p>	

3557419	<b>bitumen blowing unit, oxidiser, air blowing unit</b>	<b>unità tal-infiħ tal-bitumen</b>
	<p>Unità li fiha jiġi mmanifatturat il-bitumen ossidat.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Il-bitumen ossidat (magħruf ukoll bħala "bitumen minfuħ") huwa bitumen ta' grad għoli użat fl-applikazzjonijiet għas-soqfa.</p>	

1486309	<b>black liquor</b>	<b>likur iswed</b>
	<p>Likur użat fuq <b>il-polpa kraft</b> [ IATE:1485739 ] li jkun fih frammenti ta' linju u karboidrati mid-dekompożizzjoni tal-emiċelluloži, karbonat tas-sodju, sulfat tas-sodju u mluħ inorganiċi oħra.</p>	

	<b>blast furnace</b>	<b>forn tal-blast</b>
<b>1364928</b>	Forn tat-tidwib f'forma ta' torri li fih jista' jiġi introdott blast ta' arja šħuna kkompressata minn isfel.	<b>Nota dwar il-kunċett:</b> L-iskop tal-forn tal-blast hu li jnaqqas kimikament u jikkonverti fiżikament l-ossidi tal-ħadid fħadid likwidu msejjaħ "metall jaħraq". Il-mineral tal-ħadid, il-kokk u l-franka jintefgħu fil-parti ta' fuq, u l-arja li tkun imsaħħna minn qabel tintneħha fil-qiegħ. Il-materji primi jeħtieġu minn 6 sa 8 sigħat biex jinżlu fil-qiegħ tal-forn fejn isiru l-prodott finali ta' gagazza likwida u ħadid likwidu. Dawn il-prodotti likwidu jiġu skulati mill-form f'intervalli regolari. L-arja šħuna li kienet ġa ntnejfhet fil-qiegħ tal-forn titla' 'I fuq f-bejn 6 u 8 sekondi wara li tkun għaddiet minn bosta reazzjonijiet kimiċi. Ladarba forn tal-blast jinxtegħel, dan jibqa' għaddej jaħdem għal bejn erba' sa għaxar snin b'waqfiet qosra biex issirlu xi manutenzjoni ppjanata.
<b>3563704</b>	<b>bleached kraft pulp</b>	<b>polpa kraft ibbliċċata</b>
	Polpa kimika (li tikkonsisti l-aktar f'ċellulożi u emiċelluloži) li tkun manifatturata bl-użu tas-sulfur tas-sodju bħala l-kimika ewlenija tat-tisjir u li l-fibri tagħha jkunu ġew ibbliċċati.	
<b>1449269</b>	<b>blowdown system</b>	<b>sistema ta' tnaqqis tal-pressjoni</b>
	Sistema li f'każ ta' emerġenza jew f'kundizzjonijiet ta' manutenzjoni tnaqqas l-akkumulu tal-gass f'impjant jew f'partijiet minnu.	
<b>1643139</b>	<b>boehmite</b>	<b>boemit</b>
	Ossidu tal-aluminju bażiku, abjad u relativamente artab ( $\text{Al}_2\text{O}_3(\text{OH})$ ) li huwa mineral komuni fil-boksajt u li fih jidher partikuli mxerrda jew mases qishom piżelli. Ara wkoll: <b>diaspor</b> [IATE:1082476].	
<b>3565607</b>	<b>boiler slag, slag</b>	<b>gagazza</b>
	Prodott sekondarju minn bojler b'qiegħ niedi li huwa tip speċjali ta' bojler iddisinjat biex iżomm l-irmied tal-qiegħ [ IATE:3565606 ] fi stat imdewweb qabel jitneħħha.	

<b>3567296</b>	<b>boosted suction system</b>	<b>sistema ta' aspirazzjoni intensifikata</b>
	<p>Sistema ddisinjata biex timmodifika l-kapaċità tal-estrazzjoni tal-fann abbażi tas-sorsi tad-dħaħen li jinbidlu tul iċ-ċikli ta' tagħbien, tidwib u ttappjar fl-industriji tal-metall.</p>	
<b>3565606</b>	<b>bottom ash</b>	<b>rmied tal-qiegħ</b>
	<p>Parti mir-residwu mhux kombustibbli tal-kombustjoni f'forn jew inċineratur.</p>	
<b>1407832</b>	<b>briquetting</b>	<b>agglomerazzjoni</b>
	<p>Proċess li jgħaqqa flimkien il-minerali pulverizzati, bħat-trab tal-faħam, fi briquets tañi pressjoni, spiss bl-għajnejna ta' legant bħall-asfalt.</p>	
<b>1425456</b>	<b>bund</b>	<b>vaska ta' ritenzjoni</b>
	<p>Ħajt jew diġa madwar in-naħa ta' barra ta' tank biex jikkontrola/tikkontrola l-kontenut tat-tank kollu jew parti minnu f'każ ta' tixrid, u (f'xi każżejjiet) barriera impermeabbi mal-art bejn it-tank u d-diġa sabiex twaqqaf lill-prodott milli jinfiltrira l-art. Ara wkoll: <b>ħajt ta' protezzjoni</b> [IATE:1077097].</p>	
<b>1077097</b>	<b>bund wall, bund</b>	<b>ħajt ta' protezzjoni</b>
	<p>Ħajt jew diġa mibni(ja) madwar tank taż-żejt jew żona tat-tankijiet biex fih(a) jinżamm il-kontenut tat-tankijiet kollha jew parti minnu f'każ ta' tixrid, kultant b'barriera impermeabbi mal-art bejn it-tank u d-diġa biex tiġi evitata l-infiltrazzjoni tal-prodott fl-art.</p>	

150942	<b>calcination</b>	<b>kalċinazzjoni</b>
	Tisħin għal temperaturi għoljin fl-arja jew fl-ossigeno. <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Jeżistu żewġ tipi ta' kalċinazzjoni. Ara wkoll l-entrata [IATE:3564805]	

3564805	<b>calcination, calcining</b>	<b>kalċinazzjoni</b>
	Proċess ta' trattament termali fin-nuqqas ta' arja jew ta' ossigeno jew fi provvista limitata ta' arja jew ossigeno. <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Jeżistu żewġ tipi ta' kalċinazzjoni. Ara wkoll l-entrata [IATE: 150942]	

3567475	<b>calcine</b>	<b>kalċina</b>
	Ossidu taż-żingu mhux pur miksub permezz tax-xiwi ta' konċentratu tas-sulfur taż-żingu.	

1356205	<b>capture hood, capturing hood, hood</b>	<b>kappa, kappa tal-qbid</b>
	Apertura riċeventi użata bħala l-erja ta' ġbir inizjali ta' sistema ta' ventilazzjoni biex jinqabdu l-kontaminanti tal-arja. <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Dan il-kunċett m'għandux jiġi mfixxel ma' <b>kappa tad-dħaħen</b> [ IATE:1409794 ].	

958208	<b>carbon oxysulfide, carbonyl sulphide</b>	<b>sulfur tal-karbonil, oxisulfur tal-karbonil</b>
	Kompost organiku bil-formula OCS.	

1154078	<b>carbonaceous material</b>	<b>materjal karbonjuż</b>
Materjal li jkun fih ħafna karbonju.		
3567302	<b>casting wheel</b>	<b>rota ta' kkastjar</b>
Rota b'forom apposta fuq iċ-ċirkonferenza tagħha sabiex jilqgħu fihom il-metall imdewweb.		
1204113	<b>catalytic cracking, cat cracking</b>	<b>krekkjar katalitiku</b>
Proċess industrijali li permezz tiegħu, b'reazzjoni li sseħħi fil-preżenza ta' katalizzatur abbażi tas-siliċje u tal-aluminju, jiġu estratti idrokarburi paraffiniċi ħtief mill-molekuli tal-idrokarburi paraffiniċi tqal.		
3564499	<b>catalytic fines, catalyst fines</b>	<b>trabijiet katalitiċi</b>
Partikuli ibsin tal-ħaddi u tas-siliċju miżjud maż-żejt grezz fir-raffineriji li jiddependu fuq l-ikkrekkjar katalitiku biex jgħinu l-ikkrekkjar tal-fjuwil f'temperaturi baxxi.		
1410720	<b>catalytic reforming</b>	<b>riformar katalitiku</b>
Proċess kimiku li jiġi sfruttat industrijalment kemm għall-produzzjoni ta' benżen b'numru għoli ta' ottan u kemm għall-produzzjoni tal-idrokarburi aromatiċi minn taħlitiet ta' alkani u cikloalkani u li jipprevedi li l-idrokarburi alifatiċi jingħaddu minn fuq katalizzatturi tal-platinu f'temperaturi għoljin u taħt pressjoni għolja.		

	<b>catalytic thermal oxidiser, catalytic afterburner, catalytic oxidiser</b>	<b>ossidatur termali katalitiku, afterburner katalitiku, ossidatur katalitiku</b>
<b>3567336</b>	<p>Sistema ta' kombustjoni fejn id-dekompożizzjoni ssir fuq superficie katalizzatriċi tal-metall f'temperaturi aktar baxxi minn dawk użati f'<b>ossidatur termali</b> [IATE:3540524] standard, normalment minn 350°C sa 400°C.</p> <p>Ara wkoll: <b>ossidatur termali riġenerattiv</b> [IATE:3567075].</p>	

	<b>cathode</b>	<b>katodu</b>
<b>1343654</b>	<p>Prodott ta' raffinerija tal-metalli magħmul permezz ta' proċessi elettrolitiċi, li jista' jiġi maħlul mill-ġdid, illigat u proċessat ulterjorment sabiex jiproduċi vireg, profili, wajers, folji, strixxi, tubi, eċċ.</p> <p>Ara wkoll: <b>anodu</b> [IATE:3567285].</p>	

	<b>cathode casting</b>	<b>kkastjar katodiku</b>
<b>3567672</b>	<p>Il-proċess li matulu ż-żingu li jifforma fuq il-katodi permezz tal-elettroliżi jiġi mdewweb u mferra' f'forma biex tinkiseb il-forma mixtieqa tal-prodott taż-żingu nofsu lest.</p>	

	<b>causticising</b>	<b>kawstifikazzjoni</b>
<b>3563705</b>	<p>Proċess fiċ-ċiklu tal-ġir li fih l-idrossidu (likur abjad) jiġi riġenerat bir-reazzjoni <math>\text{Ca}(\text{OH})_2 + \text{CO}_3^{2-} \rightarrow \text{CaCO}_3 (\text{s}) + 2 \text{OH}^-</math>.</p>	

<b>3567681</b>	<b>cell evolution</b>	<b>evoluzzjoni fiċ-ċellula</b>
	<p>Il-bidiet kollha fil-kundizzjoni taċ-ċellola elettrolitika peress li l-alumina tiddissolvi fil-banju tal-elettroliti taċ-ċellola u ma tiġix alimentata kontinwament, u dan jikkawża bidiet fil-vultaġġ taċ-ċellola (għax tiddependi fuq il-konċentrazzjoni tal-alumina), u jista' jiżdied b'mod drammatiku jekk il-konċentrazzjoni tal-alumina dissolta fl-elettrolit tkun baxxa wisq.</p>	
<b>1343335</b>	<b>cement, cementate</b>	<b>siment, simentat</b>
	<p>Kwalunkwe materjal li jippreċipita, bħall-karbonati, il-ġipsum, u l-barit, li jokkorri fl-interstizi ta' blat klastiči.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Fil-metallurġija, is-siment tal-kadmju, tal-fidda eċċ. jiġi prodott permezz ta' preċipitazzjoni kimika.</p>	
<b>1317774</b>	<b>chemi-thermo-mechanical pulp, CTMP</b>	<b>polpa kemitermomekkanika, CTMP</b>
	<p>Tip ta' polpa semikimika prodotta b'mod simili għall-polpa termomekkanika (TMP), għajr li l-partikuli tal-injam ikunu trattati kimikament qabel jidħlu fir-raffinatur.</p>	
<b>1623134</b>	<b>chipboard, particleboard</b>	<b>ċippbord, bord tal-partikuli</b>
	<p>Laqx tal-injam niexef li jitwaħħal flimkien b'reżina li tibbies taħt l-influwenza ta' pressjoni għolja u ta' sħana qawwija.</p>	
<b>3567327</b>	<b>circulating fluidised bed calciner, circulating fluid bed calciner</b>	<b>kalċinatur b'sodda fluwidizzata ċirkolanti</b>
	<p>Reċipjent li fih l-idrossidu tal-aluminju jiġi kkalċinat (imsaħħan għal temperaturi ta' madwar 1000°C) u kkonvertit għal <b>alumina metallurġika</b> [ IATE:160217 ] li jintuża fil-produzzjoni tal-aluminju.</p> <p>Ara wkoll: <b>alumina</b> [ IATE:1552043 ].</p>	

1342716	<b>clarification</b>	<b>kjarifikazzjoni</b>
It-tneħħija ta' kull tip ta' partikuli, sedimenti, żjut, materja organika naturali u kulur mill-ilma biex jiċċara.		
1165895	<b>clarified oil, decant oil, clarified slurry oil, slurry decant oil, FCC bottom oil, FBO</b>	<b>żejt dikantat</b>
Żejt aromatiku tqil minn qiegħi il-frazzjonatur fi proċess ta' <b>krekkjar katalitiku fluwidu</b> [IATE:1661782] li minnu jitneħħew it- <b>trabijiet katalitiċi</b> [IATE:3564499] residwi permezz taċ-ċentrifugazzjoni [IATE:1544641] u tad-dikantazzjoni [IATE:1087770].		
1377709	<b>clinker</b>	<b>klinker</b>
Rmied u residwi parżjalment imdewbin minn forn imħaddem bil-faħam jew bin-nar. Ara wkoll: <b>operazzjoni ta' klinkerizzazzjoni</b> [ IATE:3567664 ].		
3567664	<b>clinker operation</b>	<b>operazzjoni ta' klinkerizzazzjoni</b>
Il-mod li bih jitwettaq il-proċess li jiproduċi l- <b>klinker</b> [IATE:1377709] (materjal ġebli maħruq jew vitrififikat).		
3567653	<b>closed furnace</b>	<b>forn magħluq</b>
Forn li jkun armat b'mod li jippermetti li l-gass iġġenerat jiġi estratt minn fannijiet, jissaffa u jintuża bħala fjuwil.		

	<b>closed plasma dust proċess</b>	<b>proċess tat-trattament tat-trab bil-plażma f'forn magħluq</b>
<b>3567673</b>	Proċess użat għall-ipproċessar ta' residwi minn imtieħen tal-azzar (l-iktar trab EAF tal-azzar inossidabbli) li matulu jinkiseb materjal b'ħabba fina mingħajr il-bżonn ta' agglomerazzjoni, sakemm l-alimentazzjoni tkun xotta. Ara wkoll: <b>proċess tat-trattament tat-trab bil-plażma</b> [IATE:3567490] u <b>forn magħluq</b> [IATE:3567653].	
<b>1426547</b>	<b>coagulant</b>	<b>koagulant</b>
	Aġent li jippromwovi l-koagulazzjoni [IATE:1207274] tad-demm. Ara wkoll: <b>flokkulant</b> [IATE:1338466].	
<b>1207274</b>	<b>coagulation</b>	<b>koagulazzjoni</b>
	Metodu li jintuża għas-separazzjoni ta' solidi sospiżi billi jiżdiedu koagulanti b'kargi opposti għal dawk tas-solidi sospiżi fl-ilma mormi.  Ara wkoll: <b>flokkulazzjoni</b> [IATE:1426358] u nnota d-differenza bejn il-kunċetti.	
<b>3564509</b>	<b>coke drum</b>	<b>ċilindru tal-kokk</b>
	Reattur kbir użat fl-ikkokkjar <b>imdewwem</b> [IATE:1165942] biex fih, tinżamm jew tiddewwem, l-alimentazzjoni msaħħħna, filwaqt li jseħħi l- <b>ikkrekkjar</b> [IATE:1075495].	

912466	<b>combined cycle gas turbine, CCGT</b>	<b>turbina tal-gass b'ċiklu kkombinat, CCGT</b>
Forma ta' teknoloġija għall-ġenerazzjoni tal-enerġija b'mod effiċjenti ħafna li tikkombina turbina tal-gass ma' turbina tal-fwar.		
1184528	<b>common duckweed</b>	<b>għadsa tal-ilma</b>
Ħaxix/ħażiż li jgħatti l-wiċċ tal-ilma qiegħed		
1370086	<b>concentrate, metal concentrate, dressed ore, mined concentrate</b>	<b>konċentrat tal-metall, konċentrat, mineral tal-metall arrikkit, mineral arrikkit</b>
Prodott kummerċjablli wara li ssir separazzjoni f'impjant tal-ipproċessar tal-minerali b'żieda fil-grad tal-mineral ta' valur. <b>Nota dwar it-terminu:</b> Il-varjant "mineral metalliku arrikkit" aċċettat ukoll.		
1450580	<b>concentrate, retentate</b>	<b>konċentrat, retentat</b>
Il-materjal li jibqa' għax ma jirnexxilux jgħaddi minn ġo filtru jew membrana poruża.		
3564982	<b>continuous regeneration gas recycling loop</b>	<b>ċirkwit ta' riċiklaġġ tal-gass ta' riġenerazzjoni kontinwa</b>
ċirkwit ta' riċiklaġġ tal-gass ta' skart mill-unità tar-riġenerazzjoni kontinwa tal-katalizzatur.		

3567284	<b>converter</b>	<b>konvertitür</b>
Struttura cilindrica tal-azzar, normalment b'dijametru ta' erba' metri u miksija bi briksa refrattorja, li fiha ssir il- <b>konverżjoni</b> [ IATE:3567271 ].		
3567271	<b>converting, conversion</b>	<b>konverżjoni</b>
Tip ta' tidwib metallurġiku bl-għan li l-metall jiġi ppurifikat bl-ossidazzjoni, bl-iggagazzar u bil-volatilizzazzjoni.		
1578877	<b>conveyor belt</b>	<b>conveyor belt, ċinturin trasportatur, ċinga trasportatriċi</b>
Ċinga wiesgħa li tintuża bħala mezz biex jinġarr materjal differenti, li ddawwar żewġ taljoli jew iktar fċirkwit kontinwu u li tkun sostnuta minn rombli jew minn superficie ċatta t-tul kollu tagħha.		
1165729	<b>corrugated plate interceptor, CPI oil separator</b>	<b>interċettatur bil-pjanċi kkorrugati</b>
Sistema ta' separazzjoni taż-żjut mill-ilma mormi li tinvolvi t-tneħħija ta' sustanzi li ma jinħallux permezz tal-irkupru tas-solidi sospiżi u taż-żejt mifruk.		

	<b>counter-current washing, countercurrent washing</b>	<b>ħasıl kontrokurrenti</b>
<b>1472885</b>	Metodu ta' estrazzjoni ta' solidu-likwidu fejn il-materjal mhux maħsul jimxi fid-direzzjoni opposta tal-moviment tal-likwidu tal-ħasıl.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Dan jista' jsir fi stadju wieħed jew iktar, jekk il-filtrat tal-ħasıl jerġa' jintuża biex il-materjal jinħasel mill-ġdid. Jistgħu jintużaw żewġ stadji jew tlieta, li jippermettu li jkun hemm tliet darbiet inqas il-konsum tal-ilma meta mqabbla mal-ħasıl kontrokurrenti bi stadju wieħed.	
<b>3567696</b>	<b>cracking</b>	<b>krekkjar</b>
	Qsim ta' molekuli taħt l-influwenza tas-sħana, ta' katalisti u ta' solventi.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Fil-metallurġija, dan ifisser li l-kundizzjonijiet ikunu aktar qawwija minn dawk meħtieġa biex issir <b>piroliżi</b> [IATE:1364862].	
<b>3567300</b>	<b>crane hood, crane-integrated hood</b>	<b>kappa integrata fi krejn</b>
	Kappa tal-estrazzjoni mqabbda ma' krejn sabiex tipprevjeni u tnaqqas l-emissionijiet li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tagħbiex u ta' ħatt tal-fran u tal-konvertituri li jintużaw fil-produzzjoni primarja u sekondarja tar-ram.	
<b>1367387</b>	<b>crucible</b>	<b>griġjol</b>
	Reċipjent magħmul minn sustanza refrattarja bħall-grafit jew il-porċellana, użat għat-tidwib u għall-kalċinazzjoni ta' materjali f'temperaturi għoljin.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Ikkompara ma': <b>kitla</b> [IATE:1213753].	

3565605	<b>cyclofilter</b>	<b>ċiklofiltru</b>
Apparat li jikkombina flimkien <b>ċiklun</b> [IATE:1350293] li jwettaq preseparazzjoni (biex issepara trab iktar aħrax) u filtru b'borża (biex jaqbad trab iktar fin).		
3564806	<b>decanted oil sludge, decant oil sludge, slurry oil</b>	<b>sospensjoni magħquda ta' żejt dikantat</b>
Prodott sekondarju aromatiku tqil mill-unità tal-ikkrekkjar katalitiku tal-fluwidi ta' raffinerija li jagħmel parti żgħira mill-forniment dinji taż-żejt <b>kombustibbli</b> [ IATE:1204019 ].		
1697171	<b>deconstructing, disassembling, dismantling, disassembly</b>	<b>dekostruzzjoni, żarmar, żmantellar</b>
Il-proċess li matulu oġġett jiżżarma f'partijiet separati biex jinkisbu komponenti importanti. <b>Nota dwar it-terminu:</b> Il-varjant "żmantellament" aċċettat ukoll.		
1165942	<b>delayed coking</b>	<b>kokkjar imdewwem</b>
Proċess ta' krekkjar termali semikontinwu li fih alimentazzjoni ta' idrokarburi tqal tinbidel fi prodotti ta' valur ogħla u ta' piżżeen eħxha u f'kokk.		
1445881	<b>demister</b>	<b>eliminatur tar-raxx, demister</b>
Apparat b'filtru li jneħħi l-qtar żgħar ta' likwidu li jkunu maqbuda fi fluss ta' gass. <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Dan l-apparat jikkonsisti fi struttura minsuġa ta' wajers tal-metall jew tal-plastik, b'superfiċie speċifika għolja. Permezz tal-momentum tagħhom, il-qtar żgħar preżenti fil-fluss tal-gass jaqbdu mal-wajers u jingħabru fi qtar akbar.		

1427111	<b>denitrification</b>	<b>denitrifikazzjoni</b>
Proċess li permezz tiegħu ġertu mikroorganiżmi jbiddlu n-nitrat (NO <sub>3</sub> <sup>-</sup> ) lura f'nitroġenu forma ta' gass (N <sub>2</sub> ).		
3564591	<b>deoiled wax</b>	<b>xama' mingħajr żejt</b>
Xama' raffinata mingħajr żejt.		
3564533	<b>desalter</b>	<b>unità tneħħi l-melħ</b>
Unità tal-ipproċessar f'raffinerija taż-żejt li tneħħi l-melħ minn maż-żejt grezz.		
1083396	<b>desalting</b>	<b>tneħħija tal-melħ</b>
Tneħħija ta' melħ minerali miż-żejt grezz bil-ħasil bl-ilma taż-żejt grezz jew ta' residwi tqal f'temperatura u pressjoni għolja biex il-melħ u komponenti oħra li jistgħu jiġu estratti mill-ilma jinħallu, jiseparaw u finalment jitneħħew.		
3564586	<b>desorbate</b>	<b>desorbat</b>
Il-prodott li jirriżulta mid- <b>desorbiment</b> [ IATE:1702417 ].		

1367131	<b>dew point, dewpoint</b>	<b>punt tan-nida</b>
It-temperatura li fiha l-fwar tal-ilma fl-arja fi pressjoni barometrika kostanti jikkondensa bl-istess rata li biha jevapora.		

1339521	<b>dewatering</b>	<b>tneħħija tal-ilma</b>
It-tneħħija tal-kontenut tal-ilma minn materjal solidu.		

1082476	<b>diaspore</b>	<b>diaspor</b>
Mineral tal-idrossidu u tal-ossidu tal-aluminju, ta' kulur bajdani jew li jagħti fil-griż, iebes u qisu ħġieġ [α-AlO(OH)], li huwa assoċjat mal-kurundun fiż-żmerill u li huwa miflukx fit-tafal tal-laterit, tal-boksajt u tal-aluminju.		

1306269	<b>differential absorption light detection and ranging, differential absorption Lidar, DIAL</b>	<b>detezzjoni u kejl tad-distanza permezz tad-dawl u l-assorbiment differenziali, LIDAR b'assorbiment differenziali, DIAL</b>
Teknika bbażata fuq il-laser, li tuża LIDAR b'assorbiment differenziali li hija l-analogu ottiku ta' RADAR ibbażat fuq il-mewġ tar-radju.		

3504819	<b>diffuse emissions</b>	<b>emissjonijiet diffużi</b>
L-emissjonijiet kollha li mhumiex rilaxxati minn punti ta' emissjoni speċifiċi. Ara wkoll: <b>emissjonijiet li jaħarbu</b> [IATE:902022].		

3566756	<b>diffuse VOC emissions</b>	<b>emissjonijiet diffużi ta' komposti organiċi volatili, emissjonijiet diffużi ta' KOV</b>
Emissjonijiet ta' KOV mhux inkanalati li jistgħu jirriżultaw minn sorsi f'żoni partikolari (pereż. tankijiet) jew minn sorsi "puntiformi" (pereż. flanġi tal-pajpjiet).		

754931	<b>dimerisation</b>	<b>dimerizzazzjoni</b>
It-trasformazzjoni ta' entità molekolari A biex tagħti entità molekolari A <sub>2</sub> .		

3565657	<b>direct interception</b>	<b>interċettazzjoni diretta</b>
Il-proċess li jokkorri meta partikula li tkun miexja mal-fluss tal-gass tersaq viċin il-ġenb ta' waħda mill-fibri tal-filtru, b'distanza ta' raġġ tal-partikula, u minħabba f'hekk il-partikula tmiss il-fibra, tinqabad, titrażżan u titwarrab mill-fluss tal-gass.  Ara wkoll: <b>impattazzjoni inerzjali</b> [IATE:3565656].		

1402373	<b>dissolved air flotation</b>	<b>flotazzjoni bl-arja dissolta</b>
Proċess tat-trattament tal-ilma li jiċċara l-ilma mormi (jew ilmijiet oħra) bit-tnejħha ta' materja sospiża bħal żjut jew solidi.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> It-tnejħha tinkiseb permezz tad-dissoluzzjoni tal-arja fl-ilma jew fl-ilma mormi taħt pressjoni u mbagħad l-arja tiġi rilaxxata fil-livell tal-pressjoni atmosferika f'tank jew baċir tal-flotazzjoni.		

	<b>dissolved gas flotation</b>	<b>flotazzjoni bil-gass dissolt</b>
<b>3564607</b>	<p>Proċess ta' trattament tal-ilma mormi li fih solidi, żjut u kontaminanti oħra jitilgħu sas-superfiċje tal-likwid i-mwaħħlin ma' bżieżaq fini tal-gass introdotti fl-ilma mormi bid-dissoluzzjoni ta' gass taħt pressjoni fi fluss tar-riċiklaġġ ta' 10 sa 50% tal-ilma ttrattat ikkombinat ma' ilma mill-bokka.</p> <p>Ara wkoll: <b>flotazzjoni bil-gass indott</b> [ IATE:3564604 ].</p>	
<b>1485706</b>	<b>dissolving pulp, dissolving wood pulp</b>	<b>polpa għad-dissoluzzjoni</b>
	Polpa bbliċċata raffinata kimikament b'kontenut għoli ħafna ta' ċellulożi (90% u aktar).	
<b>1642283</b>	<b>doghouse, dog house</b>	<b>doghouse</b>
	Fl-industrija tal-metallurġija, interkużura kompluta li tinkapsula l-form għall-kontroll tal-emissjonijiet.	
<b>3567487</b>	<b>Doré, Doré metal</b>	<b>Doré, metall Doré</b>
	Metall li jkun ġie kkonċentrat f'għamla li jkun fiha 25 – 99.55% fidda u 0 – 99% deheb b'impuritajiet speċifiċi.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Id-Doré jiġi prodott permezz tat-tidwib u tar-raffinar tal-ħama anodiku mill-elettroraffinar tar-ram kif ukoll minn liġi prezjużi arrikkiti bil-metall mir-raffinar taċ-ċomb, minn residwi mil-lissija u minn metall mhux maħdum mill-produzzjoni taż-żingu u taċ-ċomb, minn irkupri u kinsiet mill-produzzjoni tal-fidda (bħal pereż, trab mill-filtri b'borża, ħama minn sistemi niedja tat-tnejħiha tat-trab, siment tal-fidda miksub minn elettrolit tal-fidda użat, gagazzi, refrattorju mfarrak eċċ.) u minn materjali oħra rikki fil-fidda u/jew minn fdalijiet tal-fidda.	

	<b>double bell system, double bell charging system</b>	<b>sistema b'qanpiena doppja, sistema b'qanpiena doppja għat-tagħbien</b>
3567503	<p>Sistema ta' tagħbien ta' forn li l-iskop tagħha hu li tevita l-gassijiet sħan milli joħorġu mill-forn.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> L-ewwel, il-materja prima titbattal fil-qanpiena ta' fuq jew fil-qanpiena ż-żgħira li mbagħad tinfetaħ biex tbattal il-materjal fil-qanpiena l-kbira. Il-qanpiena ż-żgħira mbagħad tingħalaq biex tissiġilla l-forn tal-blast, filwaqt li l-qanpiena l-kbira ddur biex tiprovd i-distribuzzjoni speċifika tal-materjali qabel ma tirrilaxxa t-tagħbija fil-forn tal-blast.</p> <p><b>Nota dwar it-terminu:</b> Dan it-terminu nbena fuq il-mudelli FR u IT li jużaw: "système à double cloche pour le chargement" u "sistema a doppia campana per il caricamento", rispettivament.</p>	
3567334	<b>double-stream digestion, double streaming</b>	<b>diġestjoni ta' fluss doppju</b>
	<p>Fil-produzzjoni tal-alumina, it-tiġħin tas-sospensjoni magħquda tal-boksa b'mod separat u parallel mal-likur, li jitħalltu biss fir-reċipjent tad-diġestur.</p>	
3565633	<b>downstream wood processing</b>	<b>proċessar tal-injam downstream</b>
	<p>Il-proċessi kollha wara li l-pannell joħroġ mill-pressa u sakemm il-pannell mhux maħdum/ il-prodott tal-pannell b'valur miżjud jittieħed għall-ħażin.</p>	
1211546	<b>dross</b>	<b>ħmiegħ tal-metall</b>
	<p>Massa ta' impuritajiet solidi li jżommu fil-wiċċ ta' metall imdewweb jew li jkunu mifruxa fil-metall, li tifforma fil-wiċċ ta' metalli b'punt ta' tidwib baxx bħal-landa, iċ-ċomb, iż-żingu jew l-aluminju, jew ta' liġi b'ossidazzjoni tal-metall(i).</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Fil-produzzjoni tal-aluminju, meta l-kontenut ikun fih iż-żejjed minn 45% metall, jintuża t-terminu "<b>xkuma</b>" [ IATE:1423317 ].</p>	

	<b>drossing</b>	<b>gagazzar</b>
<b>3567366</b>	Wieħed minn erba' stadji tal-produzzjoni pirometallurġika taċ-ċomb, li jseħħi f'żona speċjali (żona tal-gagazzar) magħmula minn varjetà ta' ktieli interkonnessi msaħħn min-naħħa t'isfel bl-użu ta' kombustjoni tal-gass naturali fejn l-ingotta taċ-ċomb tiġi aġitata u mberrda għal temperatura li taqbeż eż-żarru ta' il-punt tat-tidwib, u b'hekk tiġi prodotta gagazza li titneħħha minn fuq is-superfiċje u li tingħata trattament ieħor biex jiġu rkuprat i-komponenti mhux taċ-ċomb.	
<b>3563719</b>	<b>dry debarking</b>	<b>tqaxxir fix-xott</b>
	Tneħħija tal-qoxra mill-ħatab fi tnabar xotti tat-tnixxif, fejn l-ilma jintuża biss biex jinħasel il-ħatab, u mbagħad jiġi riċiklat b'purgar minimu lejn l-impjant tat-trattament tal-ilma mormi.	
<b>931508</b>	<b>dry scrubber</b>	<b>purifikatur niexef</b>
	Apparat tal-kontroll tat-tniġġis użat biex ineħħi <b>gassijiet aċidużi</b> [IATE:1639905] (bħal $\text{SO}_2$ u HCl) primarjament minn sorsi ta' kombustjoni; dan jikkonsisti f'apparat li jintroduċi l-materjal sorbenti tal-gass aċiduż fil-fluss tal-gass u f'apparat ta' kontroll ta' materja partikolata li jneħħi prodotti ta' reazzjoni, materjal sorbenti żejjed u kwalunkwe materja partikolata li tkun digħi <b>fil-gass mit-tromba ta' ċumnija</b> [IATE:1244520].  Ara wkoll: <b>purifikatur niedi</b> [IATE:1422077].	
<b>3566851</b>	<b>dynamic olfactometry</b>	<b>olfattometrija dinamika</b>
	Metodu ta' <b>olfattometrija</b> [IATE:1687777] li fih il-kejl isir fi fluss ta' gass irejjaħ u newtrali b'fatturi ta' dilwizzjoni magħrufa fi żbokk komuni.  Ara wkoll: <b>olfattometrija statika</b> [IATE:3566852].	

	<b>eddy current separator</b>	<b>separatur ta' kurrenti ta' Foucault</b>
<b>1230570</b>	Unità tal-issortjar tal-metall li tuża l-prinċipji tal-induzzjoni elettromanjetika f'materjali konduttivi biex tissepara l-metalli mhux ferrużi mill-iskart.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Il-metalli ferrużi jistgħu l-ewwel jitneħħew permezz tal-kalamiti.	
	<b>electrolyte bleed</b>	<b>evakwat tal-elettroliżi</b>
<b>3567529</b>	Fluwidu li jrid jitneħħha mill-proċess tal-elettroliżi sabiex il-konċentrazzjoni tal-impuritajiet tinżamm taħt kontroll.	
	<b>electrolytic cell, pot</b>	<b>ċellola elettrolitika</b>
<b>1155119</b>	<b>Ċellola elettrokimika</b> [IATE:1155130] intiża biex tiproduċi reazzjonijiet kimiċi.	
	<b>electrolytic refining, electrorefining</b>	<b>elettroraffinar, raffinar elettrolitiku</b>
<b>1140894</b>	Proċess għar-raffinar ta' metall f'ċellola elettrolitika, li matulu l-metall impur jintuża bħala l-anodu u l-metall raffinat jiġi ddepożitat fuq il-katodu.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> L-elettroraffinar jista' jintuża biex jippurifika għadd ta' metalli, inklużi r-ram, in-nikil, il-kobalt, iċ-ċomb u l-landa.	

1350186	<b>electrostatic precipitator, electrostatic filter, electric precipitator, ESP</b>	<b>preċipitatur elettrostatiku, filtru elettrostatiku, ESP</b>
Filtru tal-arja fejn il-fluss tal-arja jgħaddi minn ġo kamp jonizzanti ta' vultaġġ għoli sabiex jagħti ċarġ elettriku pożittiv lill-molekuli, imbagħad jiġibhom fuq pjanċi elettrikament negattivi.		
1370081	<b>electrowinning, electrowinning of metals</b>	<b>estrazzjoni elettrolitika, estrazzjoni elettrolitika tal-metalli</b>
Elettrodepożizzjoni tal-metalli mill-minerali tagħhom li tqiegħdu f'soluzzjoni permezz ta' proċess li ġeneralment jissejja li l-ixxiv jazzjoni.		
3567663	<b>elutriating tank</b>	<b>tank tal-elutrijazzjoni</b>
Reċipjent fejn il-partikuli jistgħu jiġu sseparati abbażi tad-daqs, il-forma u d-densità tagħhom, bl-użu ta' fluss ta' gass jew likwidu li jiskorri f'direzzjoni ġeneralment opposta għas-sedimentazzjoni diretta.		
1408590	<b>equalisation</b>	<b>ugwalizzazzjoni</b>
Proċess li għandu l-għan jimminimizza jew jikkontrolla l-fluttwazzjonijiet fil-karatteristiki tal-ilma mormi biex jiġu pprovduti l-aqwa kundizzjonijiet għall-proċess tat-trattament sussegwenti.		

151376	<b>etherification</b>	<b>eterifikazzjoni</b>
Reazzjoni ta' deidratazzjoni ta' alkoħol biex jiġu ffurmati <b>eteri</b> [ IATE:1501401 ].		
875173	<b>ethyl tertiary butyl ether, ethyl tert-butyl ether, 2-methyl-2-ethoxypropane, ETBE</b>	<b>etil-terzjarju-butil-eter, etil-terz-butil-eter, 2-metil-2-etossipropan, ETBE</b>
<b>Bijofjuwil</b> [ IATE:860487 ] li huwa kompost organiku likwidu ċar mingħajr kulur jew ta' lewn isfar ċar b'riħha distintiva ta' etere, idderivat mill-ethanol (47% v/v) u l-isobutilen (53% v/v).		
1404618	<b>ferrous metal</b>	<b>metall ferruż</b>
Metall li jkun fih il-ħadid.		
1621783	<b>fibreboard</b>	<b>fajberbord</b>
Materjal għall-bini magħmul mill-injam jew minn fibri ta' pjanti oħra kompressati fi twavel.		
1402575	<b>filter belt press, belt filter press, belt press</b>	<b>pressa biċ-ċineg filtranti, pressa biċ-ċineg</b>
Magna industrijali użata għal proċessi ta' separazzjoni ta' solidi/likwidi b'mod partikolari għat-tnejħija tal-ilma mill-ħama fl-industria kimika, fl-estrazzjoni minerarja u fit-trattament tal-ilma.		

3564558	<b>filter-blowback system, third stage blowback filter, blowback filter</b>	<b>filtru kontrokurrent, filtru tat-tielet stadju kontrokurrent</b>
Filtru taċ-ċeramika jew tal-metall sinterizzat fejn, wara li jinżammu fil-wiċċ bħala massa magħlquda, is-solidi jinqalgħu billi jinbeda fluss fis-sens oppost tal-filtrazzjoni.		
1337549	<b>filtration</b>	<b>filtrazzjoni</b>
Separazzjoni ta' taħlita ta' materjali likwidi u solidi billi l-likwidu jitgħadda minn mezz/ membrana poruż(a).		
1409317	<b>fire refining</b>	<b>raffinar termiku</b>
Stadju ulterjuri ta' purifikazzjoni applikat lill-metall grezz (ram iswed) prodott mill-istadju tal-konverżjoni, li jinvolvi ż-żieda tal-arja (ossidazzjoni) u mbagħad it-naqqis tal-ossidu preżenti permezz ta' aġent ta' riduzzjoni (pereż. idrokarbon).		
1621884	<b>flammability, inflammability</b>	<b>fjammabbiltà, fjammabilità</b>
Il-ħila ta' sustanza li taqbad jew li tieħu n-nar.		
3566952	<b>flare tip, flare burner</b>	<b>quċċata tal-apparat tal-ivvampjar, berner tal-apparat tal-ivvampjar</b>
Tubu ta' liga ta' grad għoli, ġeneralment armat fuq il-parti ta' fuq nett ta' ċumnija tal-azzar sabiex is-sħana tal-kombustjoni u l-prodotti tagħha ma jikkawżawx periklu għall-ħajja u għall-proprietà fuq l-art, li jintuża għar-rimi ta' gassijiet ta' skart kombustibbi.		

3567647	<b>flash cooler, flash cooling plant</b>	<b>kessieħ flash</b>
Unità tat-tkessiħ li fiha l-prodotti likwidi jitkessħu billi jiddaħħlu f'kompartiment taħt vakwu li jopera f'temperatura iktar baxxa minn dik tal-likwidu li jkun se jitkessaħ; il-likwidu sħun jiskorri jiġi fil-kompartiment u immedjatamente jiksaħ għat-temperatura li fiha jkun qed jopera l-kompartiment permezz tal-evaporazzjoni tal-ilma mill-prodott tal-likwidu sħun.		
3567261	<b>flash smelting</b>	<b>tidwib flash</b>
Proċess ta' tidwib għall-metalli li jkun fihom il-kubrit inkluż il-kalkopirit.		
1211434	<b>flash smelting furnace</b>	<b>forn tat-tidwib flash</b>
Forn li juża <b>tidwib flash</b> [ IATE:3567261 ].		
3534927	<b>flexicoking</b>	<b>flessikkokjar</b>
Proċess kontinwu ta' manifattura tal-kokk li għandu taqsima ta' gassifikazzjoni li fiha l-kokk jiġi ggassifikat għall-produzzjoni tal-gass kombustibbli tar-raffinerija, u li jippermetti l-produzzjoni ta' gass kif ukoll ta' kokk skont ir-rekwiżiti tas-suq.		
1338466	<b>flocculating aġent, flocculant</b>	<b>flokkulant</b>
Sustanza li tikkawża jew tiffaċilita l- <b>flokkulazzjoni</b> [ IATE:1426358 ].		
Ara wkoll: <b>koagulant</b> [ IATE:1426547 ].		

1426358	<b>flocculation</b>	<b>flokkulazzjoni</b>
	<p>Metodu ta' separazzjoni tas-solidi sospiżi mil-likwid permezz ta' taħlit bil-mod li jid l-għadd ta' kolliżjonijiet tal-partikuli u li jwassalhom biex dawn jingħaqdu bil-ġhan li jipproduċu fokki ikbar li jkunu jistgħu jissedimentaw ladarba jilħqu d-daqqs u s-saħħha ideali.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Fil-kuntest tal-produzzjoni tal-inbid, dan it-terminu jirreferi għall-proċess fejn jinżel u jintrass in-naqal tal-inbid. Flokkulazzjoni ħafifa ssir meta n-naqal tal-qiegħ ikun maħlu jew inqas marsus. Flokkulazzjoni tajba tirreferi għal densità aktar għolja.</p>	

1427142	<b>flotation</b>	<b>flotazzjoni, tagħwim</b>
	<p>Is-separazzjoni minn likwidu ta' partikuli sospiżi billi jitressqu qrib is-superfiċje permezz ta' bżieżaq tal-gass li magħhom jeħlu l-partikuli u jakkumulaw fis-superfiċje tal-likwidu bħala partikuli li jżommu fil-wiċċu u li jistgħu jingħabru.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Il-gass jista' jkun l-arja jew gass ieħor, bħan-nitroġenu. Il-metodu l-iktar komuni fl-unitajiet tat-trattament tal-ilma mormi huwa l-<b>flotazzjoni bl-arja dissolta</b> [ IATE:1402373 ]. L-industrija taż-żejt tuża n-nitroġenu flok l-arja.</p>	

182798	<b>flow-proportional sample, flow-proportional composite sample</b>	<b>kampjun aggregat proporzjonal għall-fluss, kampjun proporzjonal għall-fluss</b>
	<p>Kampjun meħhud fuq perjodu ta' żmien b'rata li tkun proporzjonal għar-rata tal-fluss tal-likwidu li tiegħu jkun ittieħed kampjun.</p> <p>Ara wkoll: <b>kampjun aggregat</b> [ IATE:3508466 ].</p>	

3566754	<b>flow-weighted average,</b>	<b>medja ponderata fuq il-fluss</b>
	<p>Valur medju tal-konċentrazzjoni ta' ċerti sustanzi fl-ilma kkalkulat bħala medja ponderata fuq it-tagħbija idrawlika.</p>	

<b>1244520</b>	<b>flue gas</b>	<b>gass mit-tromba ta' ċumnija</b>
<p>Skariku gassuż li jkun fih emissjonijiet solidi, likwidi jew gassużi.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Spiss ikun il-gass tal-egżost li joħroġ minn unità wara fażi ta' ossidazzjoni, ġeneralment il-kombustjoni (pereż. riġeneratur, unità Claus).</p>		
<b>1408648</b>	<b>flue gas recirculation</b>	<b>riċirkolazzjoni tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija</b>
<p>Proċess ta' tnaqqis fit-tniġġis mill-ossidi tan-nitroġenu (<math>\text{NO}_x</math>) li jimplika r-riinjezzjoni ta' gass mit-tromba taċ-ċumnija mill-forn fil-fjamma biex jitnaqqas il-kontenut tal-ossiġenu u b'hekk titnaqqas ukoll it-temperatura tal-fjamma.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> L-użu ta' berners speċjali huwa bbażat fuq ir-riċirkolazzjoni interna tal-gassijiet tal-kombustjoni li jkessħu l-bażi tal-fjammi u jnaqqsu l-kontenut tal-ossiġenu fl-iżjed parti sħuna tal-fjammi.</p>		
<b>1661782</b>	<b>fluid catalytic cracking</b>	<b>krekkjar katalitiku fluwidu</b>
<p>Proċess ta' konverżjoni għat-titjib tal-idrokarburi tqal, bl-użu tas-sħana u ta' katalizzatur biex il-molekuli kbar tal-idrokarburi jitkissru f'molekuli eħħef.</p>		
<b>1146820</b>	<b>fluid coking, fluidised bed coking</b>	<b>kokkjar fluwidu</b>
<p>Teknoloġija ta' sodda fluwida kontinwa li termalment tikkonverti l-idrokarburi tqal fi prodotti eħħef.</p>		

1376490	<b>fluidised bed boiler</b>	<b>bojler b'sodda fluwidizzata</b>
It-tip l-iktar komuni ta' bojlers rakkomandati għall-fjuwil tal-bijomassa [ IATE:133167 ] li jinħaraq fi ħdan sodda taħra q ta' partikuli inerti.		

1423185	<b>flux material, flux</b>	<b>materjal ta' fluss, fluss</b>
Materjal li jiġi miżjud mal-kontenuti ta' forn tat-tidwib jew ta' cupola bil-għan li jneħħni l-impuritajiet kimiċi bħall-fosforu mill-metall u li jirrendi l-gagazza iżżejjed likwida fit-temperatura tat-tidwib.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> Dan il-kunċett m'għandux ikun konfuż ma' <b>fluss</b> [ IATE:1433910 ].		

1433910	<b>flux material, flux</b>	<b>materjal tal-fluss, materjal li jgħaqqad, fluss</b>
Fl-issaldjar, aġġent korrożiv użat għal tliet għanijiet: ineħħni l-ossidazzjoni mill-uċuħ li jkunu se jiġu ssaldjati, waqqaf l-arja milli tidħol u b'hekk jipprevjeni li jiforma iżżejjed sadid, u jtejeb il-karatteristik tat-tixrib tal-istan likwidu billi jiffaċilita l-amalgamazzjoni.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> M'għandux ikun konfuż ma' <b>fluss</b> [ IATE:1423185 ] (kunċett differenti).		

1450236	<b>formaldehyde</b>	<b>formaldeid</b>
L-aldeid l-iktar sempliċi.  <b>Nota dwar il-kunċett:</b> L-isem komuni ta' din is-sustanza ġej mill-qrubija u r-relazzjoni tagħha mal-aċidu formiku.		

3564543	<b>fuel-staged combustion, fuel staging, reburning</b>	<b>introduzzjoni tal-fjuwil fi stadji</b>
	Teknika għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' O <sub>x</sub> fejn ftit mill-fjuwil jiġi introdott fiż-żona ta' kombustjoni primarja filwaqt li l-bqija tal-fjuwil jiġi introdott f'żoni sekondarji u f'xi każijiet anke terzjarji, biex b'hekk iż-żona primarja tkun rikka fil-kontenut tal-fjuwil u b'tendenza iktar baxxa li tifforma l-NO <sub>x</sub> .	
3566757	<b>fugitive VOC emissions</b>	<b>emissjonijiet li jaħarbu ta' komposti organiċi volatili, emissjonijiet li jaħarbu ta' KOV</b>
	<b>Emissjonijiet diffużi ta' KOV</b> [ IATE:3566756 ] minn <b>sorsi puntiformi</b> [ IATE:1403677 ].	
1409794	<b>fume hood, fume cupboard</b>	<b>kappoċċ tal-estrattur, kabina tal-estrattur, kabinett għad-dħaħen, kappa tad-dħaħen</b>
	Apparat lokali ta' ventilazzjoni li jkun maħsub biex jillimita l-esponent għal dħaħen tossiċi, fwar jew trabijiet.	
1378745	<b>grab</b>	<b>granfa</b>
	Apparat mekkaniku b'żewġt ixdqa jew aktar li jintuża biex jittellgħu jew jinqabdu l-affarijiet.	
	<b>Nota dwar it-terminu:</b> Dan it-terminu normalment jintuża b'rabta mal-ġojellerija: meta ġurkett ikollu fossa fuqu, il-fossa jżommuha f'postha l-"granfi". L-expert li kkonsultajna hu tal-fehma li faċċi nestendu din il-metaphora għal dan il-kuntest. f'każ li "l-apparat ikollu forma ta' bucket jew tnejn, nistgħu ndaħħlu l-isem <b>'barmil tal-granfi'</b> ".	

<b>1367483</b>	<b>graphitising, graphitisation</b> <p>Konverżjoni ta' sustanza fi grafit, normalment bit-tisħin.</p>	<b>grafitizzazzjoni</b>
<b>3566947</b>	<b>gravity belt</b> <p>Filtru użat biex jifred is-solidi mil-likwidi u mħaddem bil-pressjoni (permezz ta' preses).  Nota dwar il-kunċett: Din iċ-ċinga tintuża għat-<b>ħaxxin</b> [ IATE:1486294 ] mentri l-<b>pressa biċ-ċineg filtranti</b> [ IATE:1402575 ] tintuża għat-<b>tneħħija tal-ilma</b> [ IATE: 1339521 ].</p>	<b>ċinga gravitazzjonali</b>
<b>1377063</b>	<b>green coke, raw coke, green petroleum coke</b> <p>Il-prodott primarju mill-karbonizzazzjoni tas-solidi minn frazzjonijiet ta' idrokarburi b'punt ta' togħlija għoli miksub f'temperaturi ta' inqas minn 900 K.</p>	<b>kokk mhux maħdum</b>
<b>1360665</b>	<b>grit</b> <p>Ramel, ramel oħxon u ġebel żgħir, rmied, jew materjali solidi oħra "itqal" (bi gravità spċċifika ogħla) mis-solidi bijodegradabbli organiċi fl-ilma mormi, li jkunu joborxu u li jridu jitneħħew biex jitnaqqas ix-xedd u l-kedd fuq it-taghħmir downstream ta' impjant tat-trattament tal-ilma mormi.</p>	<b>frak taż-żrar</b>
<b>1622258</b>	<b>hardboard</b> <p>Tip ta' <b>fajberbord</b> [ IATE:1621783 ] prodott mill-fibri tal-injam permezz ta' proċess niedi li jinvolvi l-irfinar tal-laqx tal-injam aħdar, iż-żieda tal-ilma fil-fibri tal-injam nedjin biex tinkiseb il-polpa (li mbaqħad minnha jitneħħha l-ilma biex jiġi fformat it-tapit) u fl-aħħar nett it-twebbis bl-applikazzjoni ta' pressjoni għolja u ta' temperaturi għoljin fi pressa b'bosta fetħiet.</p>	<b>ħardbord</b>

<b>3504812</b>	<b>heap</b>	<b>munzell</b>
	<p>Faċilità mgħammra għad-depożitu ta' skart solidu fil-wiċċċ.</p> <p><b>Nota dwar it-terminu:</b> Il-plural jiġi "mniezel".</p>	
<b>3567492</b>	<b>high shear mixer</b>	<b>mikser bi pressjoni għolja</b>
	<p>Apparat li jferrex, jew jittrasporta ingredjent wieħed (likwidu, solidu, gass) jew fażi waħda, f'fażi kontinwa prinċipali (likwidu), li normalment ma jkunx/ tkunx jista'/tista' jitħallat/titħallat magħha.</p> <p><b>Nota dwar il-kunċett:</b> Sabiex tinħoloq pressjoni f'tank li jkun fih is-soluzzjoni li tkun trid tiġi mħallta, jew f'pajp li minnu tgħaddi s-soluzzjoni, jintużaw rotor jew disk tal-pali (impeller), flimkien ma' komponent stazzjonarju magħruf bħala statur, jew grupp ta' rotors u ta' staturi. Mikser bi pressjoni għolja jista' jintuża biex, fost l-oħrajn, jinħolqu emulsjonijiet, sospensjonijiet u prodotti granulari. Dan l-apparat jintuża fl-industriji kimiċi, kożmetiċi, alimentari, farmaċewtiċi, tal-plastik u tal-adeżivi għall-emulsifikazzjoni, l-omoġenizzazzjoni, it-tnaqqis fid-daqs tal-partikuli, u d-dispersjoni.</p>	
<b>1397747</b>	<b>holding furnace</b>	<b>forn ta' stennija</b>
	<p>Kompartiment tal-ħażin imsaħħan biex fih iżomm il-metall fuż jew imdewweb qabel l-istadju tal-ikkastjar.</p>	
<b>3567505</b>	<b>house-in-house system</b>	<b>systema house-in-house</b>
	<p>Sistema għall-prevenzjoni u għat-tnaqqis ta' emissjonijiet diffużi fl-arja waqt it-tidwib, li fiha t-tagħmir ikun jinsab f'bini magħluq u akkomodat ukoll f'kompartiment li fil-biċċa l-kbira tiegħi jkun issiġġillat, li jiġi vventnjat f'sistema ta' filtri sabiex l-operazzjonijiet ta' żvujtar u ta' trasferiment iseħħu f'dan il-kompartiment.</p>	
<b>3564493</b>	<b>hydrocarbon oil index, hydrocarbon index, HOI</b>	<b>indiċi taż-żejt tal-idrokarburi, indiċi tal-idrokarburi, HOI</b>
	<p>L-ammont totali ta' komposti li jistgħu jiġu estratti mill-kampjun (ilma tax-xorb, ilma tas-superfiċje u ilma mormi) b'solvent nonpolari b'punt tat-togħlilia bejn 39°C u 69°C (li jissostitwixxi l-użu tas-solventi aloġenati).</p>	

1747037	<b>hydroconversion</b>	<b>idrokonverżjoni</b>	
		Fil-qasam tar-raffinar tal-pitrolju, kategorija ta' proċessi li jwettqu t-trasformazzjoni ta' frazzjonijiet petroliferi tqal fil-preżenza tal-idroġenu, ġeneralment taħt pressjonijiet għolja.	
1155261	<b>hydrocracking</b>	<b>idrokrekkjar</b>	
		Proċess ta' krekkjar katalitiku fejn żiut itqal b'firxa ta' togħlija usa' miż-żejt tal-fjuwil distillat jiġu kkonvertiti fi prodotti ta' piż molekulari iktar baxx (distillat u petrol) taħt pressjoni parżjali ta' idroġenu għolja fil-preżenza ta' katalizzatur.	
1082600	<b>hydrocyclone</b>	<b>idroċiklun</b>	
		Apparat li jikklassifika, jissepara u jifred il-partikuli f'sospensjoni likwida abbażi tal-proporzjon tal-forza ċentripetali tagħhom mar-reżistenza fluwida tagħhom.	
3564383	<b>hydroprocessing</b>	<b>idropoċessar</b>	
		Proċess li matulu r-residwi mill-unitajiet tad-distillazzjoni grezzi jiġu krekkjati biex jinkisbu prodotti eħrif u li jinbigħu aħjar, u li jista' jintuża biex jitneħħew livelli baxxi ta' metalli mill-alimentazzjoni.	
1425399	<b>hydrorefining</b>	<b>idroraffinar</b>	
		Proċess ta' raffinar simili għall-idrotrattament li juża temperaturi u pressjonijiet ogħla mill-idrotrattament [ IATE:1155262 ].	
3564584	<b>hydrotreater, hydrotreater unit</b>	<b>idrotrattatur, unità ta' idrotrattament</b>	
		Unità tar-raffinerija fejn iseħħi l-idrotrattament [ IATE:1155262 ].	

	<b>hydrotreating, hydrotreatment</b>	<b>idrotrattamento</b>
<b>1155262</b>	Serje ta' proċessi f'raffinerija użati biex jitneħħew l-impuritajiet bħall-kubrit, in-nitroġenu, l-ossigeno u l-alidi u impuritajiet ta' metalli fi stat ta' traċċi li jistgħu jiddiżattivaw il-katalizzaturi tal-proċess u li jgħollu wkoll il-kwalità tal-frazzjonijiet billi jikkonvertu l-olefini u d-diolefini f'paraffini bl-għan li titnaqqas il-formazzjoni tal-gomma fil-fjuwils.	
<b>3565957</b>	<b>impinger liquid, impinging solution, impinger solution</b>	<b>soluzzjoni tal-impattur, soluzzjoni pressanti</b>
	Medium likwidu li jintuża għall-mili ta' tubi ddisinjati apposta għall-bżieżaq (l-impatturi) u li fihom jingābru sustanzi kimiċi ajrutrasportati.	
<b>3564604</b>	<b>induced gas flotation</b>	<b>flotazzjoni bil-gass indott</b>
	Proċess ta' trattament tal-ilma mormi li fih is-solidi, iż-żjut u kontaminanti oħra jitilgħu sas-superfiċje tal-likwidi, imwaħħlin ma' bżieżaq fini tal-gass introdotti fl-ilma mormi b'mod mekkaniku jew b'mod idrawliku.  Ara wkoll: <b>flotazzjoni bil-gass dissolt</b> [ IATE:3564607 ].	
<b>3565656</b>	<b>inertial impaction</b>	<b>impattazzjoni inerzjali</b>
	Il-proċess li fih partikula miexja mal-fluss tal-gass ma tkunx tista' tibqa' fil-linjal ta' fluss meta l-gass jibdel id-direzzjoni (idur) u dan iġiegħel lill-partikula tolqot ostaklu wieqaf li jkun jinstab direttament fil-mogħidja tagħha, u titneħħha mill-fluss tal-gass.	
<b>3523445</b>	<b>influent</b>	<b>affluent</b>
	Prodott ta' skart (bħall-ilma li jkun fih l-inkwinanti) li jidħol f'parti partikolari tal-ambjent, aktarx bi żvista.	

1397753	<b>ingot</b>	<b>ingott</b>
Blokka solida magħmula minn metall kważi pur, li tinkiseb permezz tat-tferrigħ u tat-tkessiħ ta' metall imdewweb (ħafna drabi immedjatament wara t-tidwib ta' mineral grezz jew wara l-illgar tal-kostitwenti) li ta' spiss, imma mhux neċċessarjament, ikollha forma li tixbah lil dik ta' briksa u tkun trapeżojdali trasversalment.		
1752750	<b>instantaneous sampling, grab sampling, spot sampling</b>	<b>kampjunar istantanju, kampjunar immedjat, kampjunar aleatorju</b>
Teħid ta' kampjun għal analiżi f'ċertu ħin fiss.  <b>Nota dwar it-terminu:</b> It-termini "kampjunar istantanju" u "kampjunar immedjat" huma ppreferuti. "Kampjunar aleatorju", minkejja li nsibuh użat f'xi atti leġiżlattivi tal-UE fis-seħħi bħala l-ekwivalenti ta' "instantaneous sampling", pjuttost huwa l-ekwivalenti ta' "random sampling".  Ara wkoll: <b>kampjun istantanju</b> [IATE:1350270].		
3567506	<b>internal burner system</b>	<b>sistema ta' berner intern</b>
Sistema biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju organiku fl-arja mill-forn tat-tidwib fejn ikun dirett il-fluss tal-gass tal-egżost mill-fjamma tal-berner u fejn il-karbonju organiku jiġi kkonvertit għal CO <sub>2</sub> bl-ossiġenu ħieles.		

## TINSEWX LI...

dawn id-definizzjonijiet u n-noti kollha tistgħu ssibuhom ukoll fuq l-interfaċċa pubblika tal-IATE, aċċessibbli minn <http://iate.europa.eu/>

Mhux hekk biss: għal kull terminu kkwotat hawnhekk, din il-bażi ta' data terminoloġika tipprovi għadd ta' referenzi importanti, inkluż is-sors minn fejn tkun inkisbet id-definizzjoni kif ukoll kuntesti meħuda minn dokumenti ppubblikati fejn ikun okkorra t-terminu mfittex.